MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**PHILIP SCIBERRAS**

Seduta tal-5 ta' Marzu, 2003

Appell Civili Numru. 1577/2000/1

**Grima Communications Ltd**

**vs**

**Charles Farrugia u b'digriet tat-Tribunal tat-30 ta' Marzu 2001 qed tigi msejha fil-kawza s-socjeta' Farstone Ltd.**

**Il-Qorti,**

Fit-18 ta' Settembru, 2001 it-Tribunal ghal Talbiet Zghar ppronunzja s-segwenti sentenza fl-ismijiet premessi:-

"It-Tribunal**,**

Ra l-avviz tat-talba prezentat mis-socjeta attrici li permezz tieghu talbet il-hlas tas-somma ta' mija u tlieta u tmenin lira Maltija u sebghin centezmu (Lm183.70) bilanc ta' prezz ghal reklami li xxandru fuq l-istazzjon tar-radju Live FM.

Ra r-risposta tal-konvenut Charles Farrugia (fol. 15):

1. Il-konvenut m'huwiex il-legittimu kontradittur.
2. Ma gewx rezi s-servizzi pattwiti.
3. It-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt.

Ra d-digriet tat-Tribunal tat-30 ta' Marzu 2001 (fol. 21) li permezz tieghu giet imsejha fil-kawza s-socjeta Farstone Limited.

Ra r-risposta li giet prezentata fil-25 ta' Mejju 2001 (fol. 39) u li permezz taghha s-socjeta Farstone Limited eccepiet li m'ghandha x'taqsam xejn mat-talba attrici u qatt ma talbet ir-riklami in kwistjoni.

Ra l-atti kollha tal-kawza.

Ra l-verbal tas-seduta tal-5 ta' Settembru 2001 li permezz tieghu l-kawza thalliet ghal-lum ghas-sentenza.

Ikkunsidra:

1. Il-kaz jitratta talba tas-socjeta attrici ghall-hlas tas-somma ta' mija u tlieta u tmenin lira Maltija u sebghin centezmu (Lm183.70) bilanc ta' prezz ghax-xandir ta' reklami fuq ir-radju Live FM.

2. Il-konvenut qieghed preliminarjament jecepixxi li m'huwiex il-legittimu kontradittur, peress li meta ghamel l-ordni din ghamilha f'isem il-kumpannija China Palace Malta Ltd.

3. Fit-28 ta' Lulju 1997 il-konvenut iffirma *"booking order"* (fol. 34) sabiex jixxandru reklami fuq ir-radju Live FM ghall-perjodu ta' disghajn gurnata. Minn dan l-istess dokument jirrizulta li l-konvenut hallas is-somma ta'

hamsa u sebghin lira Maltija (Lm75) bhala depozitu. Dan id-dokument huwa ffirmat mill-konvenut. F'dik il-parti tad-dokument li hija ntestata "Company Name and Address" hemm il-kliem: **"China Palace Chinese Restaurant"**. Skond ma xehed il-konvenut stess fis-seduta tas-27 ta' Lulju 2001, il-kliem "China Palace" huma l-isem tar-restaurant. Il-kwistjoni pero' m'hijiex dwar din l-ordni.

4. Dwar it-tieni ordni (fol. 32), il-konvenut xehed: ***"fuq dan id-dokument qieghed naghraf il-firma tieghi; ghandi nghid ukoll illi l-kliem China Palace Restaurant, Triq il-Hgejjeg, Bugibba, u n-numru tat-telephone tal-fax inkitbu minni. Il-kliem l-iehor li jidher fuq dan il-booking order ma nkitibx minni"***. Qal ukoll li: ***"Meta gie ffirmat it-tieni kuntratt, jiena ma qghadtx naghti nformazzjoni minn jeddi. Min mela' l-formola, li kienet rapprezentanta tas-socjeta attrici, ma staqsitni l-ebda domandi u jiena ma hassjetx il-htiega li ghandi naghti nformazzjoni minn jeddi"***.

5. Illi anke mill-fax li hemm ezebita a fol. 35 tal-process, imkien ma jidher l-isem tal-kumpannija China Palace Malta Ltd. Din il-fax intbaghtet mill-konvenut lis-socjeta attrici b'riferenza ghar-reklami li kellhom jixxandru fuq l-istazzjon tar-radju. Il-konvenut ikkonferma wkoll li l-ewwel ordni kienet saret gewwa r-restaurant in kwisjtoni. Mistoqsi jekk barra r-restaurant kellu tabella bl-isem tal-kumpannija China Palace Malta Ltd, irrisponda fin-negattiv.

6. Huwa risaput li *"min qed jallega li kuntratt ghamlu mhux f'ismu izda fi kwalita rapprezentattiva ghandu l-oneru li juri li lill-parti l-ohra kien gharrafha li ma kienx qed jidher f'ismu: biex persuna li tkun qieghda tikkontratta ma torbotx lilha nnifisha jkun mehtieg li jigi provat li waqt il-kontrattazzjoni dik il-persuna indikat car u tond li qieghda tidher ghal haddiehor, jew, jekk ma indikat dan espressament, ghall-inqas ikun jirrizulta bizzejjed li l-parti l-ohra tkun ragonevolment taf illi dik il-persuna tkun qieghda tikkontratta f'isem haddiehor"* (**George Demanuele nomine vs Mauro Gagliano et** deciza mill-Qorti tal-Kummerc fid-19 ta' Mejju 1995). Fil-kawza fl-

simijiet **E. Borg et nomine vs R. Schembri** deciza mill-Qorti ta' l-Appell fit-28 ta' Mejju 1973 inghad li min ighid li kien qieghed jidher ghan-nom ta' xi kumpannija u mhux personalment:

*"kien dover tieghu li jaghmilha cara, kemm il-darba ried li hu personalment ma jkunx responsabbli, li hu kien qed jaghmel l-ordni ghan-nom tal-kumpannija. Altrimenti tapplika r-regola li wiehed jikkontratta ghalih innifsu u hekk ghandu dritt li jahseb u jirretjeni l-kontrajent l-iehor"*.

7. It-Tribunal m'huwiex sodisfatt li l-konvenut irnexxielu jipprova li wera lis-socjeta attrici, jew li kienet taf, li kien qieghed jidher mhux f'ismu izda f'isem socjeta anonima. Ghalhekk l-eccezzjoni tieghu li m'huwiex il-legittimu kontradittur ma tistax tirnexxi. Meta ffirma kien qieghed jiffirma f'ismu personali u mhux in rapprezentanza tal-kumpannija.

8. Min-naha l-ohra t-Tribunal huwa sodisfatt li s-socjeta Farstone Limited m'ghandha x'taqsam xejn ma' dan in-negozju. Sahansitra l-konvenut kien ha hsieb jingassa isem din il-kumpannija minn fuq id-dokument li baghat lis-socjeta attrici u li jinsab a fol. 35 tal-process li jindika li din il-kumpannija ma kellhiex x'taqsam man-negozju.

9. Illi l-konvenut qieghed jecepixxi wkoll li l-hlas m'huwiex dovut peress li r-reklami ma xxandrux. Skond il-*booking order* li gie ffirmat mill-konvenut, ir-reklami kellhom jibdew jixxandru mill-1 ta' Dicembru 1997, ghall-perjodu ta' disghajn gurnata u hames darbiet kuljum.

10. It-Tribunal ghandu zewg verzjonijiet dijametrikament opposti ghal xulxin. Fil-fehma tat-Tribunal is-socjeta attrici ma rnexxilix tipprova li effettivament hija pprovdiet is-servizz li tieghu qieghed jintalab il-hlas f'dawn il-proceduri. It-Tribunal ma jistax f'dan il-kaz ighid li, fuq il-bazi tal-provi li tressqu quddiemu, huwa moralment sodisfatt li s-socjeta attrici ssodisfat l-oneru tal-prova li r-reklami xxandur. Gialadarba l-konvenut ikkontesta l-ghoti tas-servizz, l-oneru tal-prova kien fuq is-socjeta attrici; *"The general rule is that the party who alleges any matter in issue must*

*prove it.. In a civil case the pleadings must be looked at in order to settle the question. The plaintiff naturally in his statement of defence, make the first allegations. If the defendant in his defence, pleads a traverse or denial of an allegation made by the plaintiff, that puts it in issue and leaves the burden of proof upon the plaintiff"* (ara sentenza fl-**ismijiet Joseph Vincenti Rausi nomine vs Joseph Muscat** (Citaz. Nru: 64/91JSP) deciza mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fil-5 ta' Ottubru 1992).

11. It-Tribunal m'huwiex sodisfatt bis-semplici dikjarazzjoni tad-direttur tal-kumpannija li fis-seduta tal-1 ta' Gunju 2001 iddikjara li ***"r-reklami saru normali, skond il-ftehim, pero' l-konvenut ma hallas xejn"***. L-istess xhud iddikjara x'kienet il-procedura sabiex jixxandru r-reklami fuq ir-radju: *"Il-procedura kienet li naghmlu recording fuq tape, it-tape nittrasferuh ghall-hard disk tal-computer, u fis-software tal-computer naghmlu s-scheduling tar-reklam, cioe' dati, hinijiet u duration"*. Fil-kaz odjern ma tressqet ebda prova li din il-procedura giet segwita u t-Tribunal mhux ser joqghod jipprezumi dak li seta' facilment jigi ppruvat.

12. Fir-rigward tax-xhieda moghtija mill-avukat Dr. Lynn Zahra fis-seduta tas-27 ta' Lulju 2001, din ma tistax isservi biex tikkonforta t-tezi attrici. Dan peress li hija stess iddikjarat li *"m'inix certa jekk ir-reklami li smajt b'riferenza ghac-China Palace Restaurant kienux fis-sajf tal-1997 jew kienu minn Dicembru 'l quddiem ta' dik l-istess sena"*.

Ghal dawn il-motivi t-Tribunal qieghed jiddecidi l-kawza billi:

(i) Jichad l-eccezzjoni preliminari sollevata tal-konvenut li m'huwiex legittimu kontradittur tas-socjeta attrici.
(ii) Jillibera lis-socjeta msejha fil-kawza mill-osservanza tal-gudizzju peress li din m'ghandha l-ebda relazzjoni guridika mas-socjeta attrici.
(iii) Jilqa' t-tieni eccezzjoni sollevata mill-konvenut u b'hekk jichad it-talba tas-socjeta attrici ghall-hlas.

Bl-ispejjez kontra s-socjeta attrici."

Is-socjeta` attrici ressqet dan l-aggravju fil-konfront tas-sentenza minnha appellata. Hi tghid li t-Tribunal adit ma kellux jaccetta leggerment il-versjoni tal-konvenut li r-reklam ma giex imxandar jew li tinjora x-xhieda ta' Dr. Lynn Zahra.

Ghal dan l-appell il-konvenut wiegeb illi dan huwa null billi l-Kap 380 ma jakkordax dritt ta' appell fuq apprezzament ta' fatt, u, f'kull kaz, is-sentenza hi gusta u timmerita konferma.

Skond Art 8 (2) tal-Att V ta' l-1995, appell minn sentenza tat-tribunal ghal Talbiet Zghar jista' jsir biss fil-kazijiet li gejjin:-

(a) fuq kull haga illi jkollha x'taqsam mal-gurisdizzjoni tat-Tribunal;
(b) fuq kull kwestjoni ta' preskrizzjoni;
(c) fuq kull nuqqas ta' tharis ta' disposizzjonijiet tas-subartikolu (2) ta' l-Art 7;
(d) meta t-Tribunal ikun b'mod gravi mar kontra d-dettami ta' l-imparzjalita` u ta' l-ekwita` skond il-ligi u dik l-azzjoni tkun ippregudikat il-jeddijiet ta' min jappella.

A propozitu ta' dan id-dispost tal-ligi intqal fid-decizjoni fl-ismijiet "**Gasan Insurance Agency Limited noe –vs- The Cargo Handling Company Limited**", Appell, 13 ta' Jannar 1999 illi "*hu car li kull rikors ta' appell li ma jkunx jaqa' fil-parametri ta' xi wahda minn dawn is-subincizi jkun irritu u null u ghandu jigi skartat minn dina l-Qorti. Inoltre ghandu jkun ukoll car mill-istess rikors ta' l-appell illi l-appellant kellu jhossu aggravat bid-decizjoni tat-Tribunal in kwantu kienet tivvjola xi wahda mis-subincizi fuq elenkati kif dispost fl-artikolu 8 ta' l-istess Att Nru. V ta' l-1995*".

Issa mill-aggravju sottomess mis-socjeta' appellanti ghall-attenzjoni taghha, din il-Qorti ma tarax li l-aggravju jista' jigi ndwadrat f'xi wahda mill-erba' ipotesijiet fuq imsemmija. U anke jekk remotament, b'xi interpretazzjoni verament wiesgha l-kaz kapaci jkollu konnessjoni mar-

raba' ipotesi tas-subinciz (d) certament u indubbjament ma jistax jinghad li t-Tribunal agixxa b'mod gravi kontra d-dettami ta' l-ekwita`, gjaladarba ma nsibu l-ebda accenn ta' rifless fuq l-imparzjalita`.

Skrutinju tar-rikors ta' l-appell juri li s-socjeta' appellanti ikkontestat il-mod kif it-Tribunal ghamel evalwazzjoni tal-provi. Evalwazzjoni li fil-verita`, minn ezami tad-decizjoni, ma jirrizultax li hi nieqsa minn apprezzament xieraq tal-fatti u tal-konsiderazzjoni ta' dritt applikabbli ghal dawn l-istess fatti.

Jirrizulta per ezempju illi t-Tribunal skarta ghal kollox l-eccezzjoni tal-konvenut li ma kienx il-legittimu kontradittur. Minn naha l-ohra fuq l-gharbiel tal-provi huwa esprima l-fehma li s-socjeta` appellanti ma rnexxiliex tipprova li effettivament hija pprovdiet is-servizz li tieghu qed titlob il-hlas.

Certament ghalhekk mill-qari tal-aggravju, fir-riflessjoni tar-ragjonament tat-Tribunal, din il-Qorti lanqas mil-lat ta' ekwita` ma tirravviza bazi ghall-ammissibilita` tal-appell.

Il-fatt li t-Tribunal fid-deliberazzjoni tieghu, ghal dik li hi l-parti razzjonali tas-sentenza, ghazel li ma jaccettax il-versjoni tas-socjeta` appellanti bhal wahda attendibbli bl-ebda mod ma jista' jfisser illi ma agixxiex ukoll b'mod ekwitattiv. Ifisser biss li fl-apprezzament tieghu tal-provi mressqa s-socjeta' attrici naqqset li tissodisfa l-principju sancit fid-dritt fuq l-istregwa tal-massima "incumbit probatio ei qui dicat, non ei qui negat".

Ghal dawn il-motivi l-Qorti tqis l-appell bhala wiehed proceduralment irritu u null in kwantu dan ma kienx jissodisfa l-vot tal-ligi a tenur tal-Artikolu 8 (2) tal-Kap 380 ghall-ammissibilita' tal-appell.

Konsegwentement tichad l-istess, bl-ispejjez kontra s-socjeta' appellanti.

---------------------------------TMIEM---------------------------------